VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 9 tal-2018

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Regolamenti tal-2018 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 9 u 75 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Ministru għall-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2018 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Ħames Skeda hi minn hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "l-Iskeda".

Kap. 406.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2018.

Jemenda l-partita 1(1) tat-Taqsima Tnejn tal-Iskeda.

2. Fis-subparagrafu (iv) tal-paragrafu (e) tal-partita 1(1) fit-Taqsima Tnejn tal-Iskeda, minflok il-kliem "jew għal xi użu bħal dak." għandhom jidħlu l-kliem "jew għal xi użu bħal dak;" u minnufih wara għandu jiżdied is-subparagrafu ġdid li ġej:

"(v) il-kiri lil ġugaturi ta' kmamar jew spazji oħra li jkunu legalment indikati għall-logħob tal-*poker*.".